**3 ta' Diċembru, 1960**

**Imħallef:—**

**Onor. Dr. W. Harding, C.B.E., K.M., B.Litt., LL.D.**

Il-Pulizija

*versus*

Nazzareno Micallef

**Provi — Diportament tax-Xhud.**

*Il-mod kif xhud iġib ruħu waqt li jkun qed jixhed — id-"demeanour" tiegħu — huwa fattur importanti fl-indaġini tal-kredibbilità tiegħu.*

Il-Qorti:— Rat l-imputazzjoni miġjuba mill-Pulizija quddiem il-Qorti Kriminali tal-Maġistrati ta' Malta kontra l-imputat, talli f'Ħaż-Żabbar, fit-18 ta' Lulju 1960, fil-5.15 p.m., volontarjament kiser il-bon ordni u l-kwiet tal-pubbliku bil-ġlied u għajjat b'manjiera li nstema' mill-publiku; u f'dan il-ġlied b'oġġetti iebsa kkaġuna offiża ta' natura ħafifa fuq il-persuna ta' Concetta Pisani;

Rat is-sentenza ta' dik il-Qorti tal-11 ta' Ottubru 1960, li biha sabitu ħati u kkundannatu £2 ammenda;

Rat ir-rikors tal-imputat, li nterpona appell mis-sentenza fuq imsemmija, u talab li tiġi revokata u li hu jiġi assolt;

Trattat l-appell;

Ikkunsidrat;

Concetta Pisani — ko-imputata fl-ewwel istanza u

kundannata għar-reat ta' offiża volontarja ljevi fuq il-persuna tal-appellant, li ma appellatx mill-kundanna tagħha u għalhekk saret issa xhud kompetenti, salva l-kredibbilità — xehdet li fl-inċident li kellha mal-appellant dan ikkaġunalha offiża ta' natura ħafiħa, billi ħabat għaliha, koadjuvat miż-żewġ neputijiet tiegħu, iż-żewġt itfal ta' t'ax il-sena u żbatax il-sena, Carmelo u Giuseppe Pisani, li xehdu;

L-appellant jgħid li hu ma għamel xejn lil Concetta Pisani. Hu ċaħad ukoll li xeħet ġebla lejn id-direzzjoni tal-bieb, avvolja Giuseppe Pisani dan qalu, għad li t-tifel l-ieħor, Carmelo Pisani, ċaħdu wkoll;

F'dan l-appell hi nvoluta eminentement kwistjoni ta' kredibbilità. L-Imħallef sedenti ma sab ruħu xejn affattu soddisfatt bix-xhieda tal-appellant u taż-żewġ neputijiet tiegħu. Dawn, partikolarment, taw lill-Qorti l-impressjoni li kienu jegħdin jaħbu dik il-parti tal-inċident li kienet av-versa għan-nannu tagħhom l-appellant, u rrispondew evażivament. L-imġieba tagħhom ("demeanour") ma kienet xejn konvinċenti, u d-"demeanour" tax-xhud hu fattur importanti fl-indaġini tal-kredibbilità. Qalet sewwa l-Qorti tal-Appell in "Pace vs. Pace", 4 ta' Mejju 1925, Kollez. Vol XXVI-I-137, illi l-awdizzjoni tagħti lill-ġudikant l-opportunità, kwantu għax-xhud mismugħ, "a scrutinarne il contegno, i movimenti, le inflessioni della voce, di avvertire ogni parola, ogni circostanza che concorra a dare alla testimonianza il peso che si merita, a fargli decidere se essa è la narrazione serena e precisa dei fatti visti ed accertati da un testimonio fededegno, o è la creazione di chi, per debolezza mentale, non possa dare garanzia di serietà e di veridicità";

It-Taylor, On Evidence, Vol I, paġ. 60, jenumera wkoll diversi ċirkustanzi relattivi għad-"demeanour" tax-xhieda, fosthom dawk, applikabbli għaż-żewġt itfal u għall-appellant f'dan il-każ, ċjoè "reluctant in giving adverse testimony, replying evasively . . . ." Tant hu mportanti dan it-test tad-"demeanour', li l-Powell, On Evidence, paġ. 506, nota (d), in kalċe, jirrileva l-vantaġġ li jkun hemm steno-

grafu fil-Qorti biex jieħu x-xhieda, sabiex il-ġudikant ma jkunx okkupat jieħu notamenti, u "so can observe the demeanour of the witness . . . . . as the trial proceeds";

Hemm ċirkustanza oħra, emersa mill-provi, li tkompli tpendi l-bilanċja tal-ġustizzja favur il-versjoni ta' Concetta Pisani, in kwantu din tgħid li l-appellant ukoll aggrediha. L-inċident żvolġa ruħu fit-18 ta' Lulju, u dak nhar stess Concetta Pisani ġiet eżaminata mit-Tabib Muscat li l-għada rrilaxxja ċ-ċertifikat fol. 7. Minn dan iċ-ċertifikat jirriżultaw leżjonijiet diversi, għalkemm ljevi, li x'uħud minnhom kien osserva s-surġent Long. Hu veru li ċ-ċertifikat jikkomprendi anki akkużi ta' uġiegħ soġġettivi, li tal-volta jistgħu jippreżtaw ruħhom għall-eżaġerazzjoni; iżda hemm ukoll konstatazzjonijiet oġġettivi, u ma hemm xejn li wieħed jista' jgħid li dawn il-leżjonijiet ġew awto-inferti;

Kwantu għall-piena;

Il-fedina penali tal-appellant fol. 6, minn mindu kien ġuvni sa dan l-aħħar li riesaq lejn it-tmenin sena, turi ċerta refrattarjetà, ċertu sistema ta' kondotta fi storbju, glied, kliem immorali u nsulti, li ma jinklinawx lill-Qorti li tirriduċi l-piena;

Taħt dawn iċ-ċirkustanzi, il-Qorti taqbel mal-konklużjoni li għaliha waslet l-Ewwel Qorti;

Għalhekk tiċħad l-appell u tikkonferma s-sentenza appellata.